TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fl-atti tat-Talba CCT 21/21/F

**Albert Attard u Vincenza Attard Grima**

**vs**

**Gennaro Rosario De Luca**

Illum, 11 ta' Settembru 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar is-16 ta' Frar 2021;

Ra r-Risposta tal-Intimat ippreżentata nhar il-11 ta' Mejju 2021;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti Albert Attard u Vincenza Attard Grima bil-ġurament;

Ra l-affidavits ta' Gennaro Rosario De Luca u Maryann De Luca;

Ra d-dokumenti kollha;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba ppreżentat minnhom, ir-Rikorrenti qed jitlobu li jiġu rifużi s-somma ta' ħames mitt Euro (€500)[1] li huwa għaddew lill-Intimat bħala bħal akkont ta' xogħlijiet fuq kċina li huma riedu jordnaw u li madankollu, spiċċaw ma ordnawx.

Illi mill-banda l-oħra, fir-Risposta tiegħu, l-Intimat jeċċepixxi li l-ħlas ta' ħames mitt Euro (€500) li huwa talab kien jinkludi l-ħlas għall-ispezzjoni *on site* fl-appartament tar-Rikorrenti, il-kejl, kif ukoll it-tfassil tal-pjanti. Isostni allura li minkejja li l-għamara baqgħet ma ġietx ordnata, huwa xortawaħda kien dovut dan il-ħlas.

[1] Għall-kompletezza jingħad li skont ir-riċevuta ppreżentata mir-Rikorrenti, l-ammont attwalment imħallas minnhom bħala akkont kien ta' €500.32, madankollu fl-Avviż tat-Talba illimitaw it-Talba tagħhom għas-somma ta' €500.

Illi fix-xhieda tagħhom, ir-Rikorrenti jelaboraw li l-Intimat kien talabhom is-somma ta' €500 sabiex mar id-dar tagħhom biex jieħu l-qisien wara li kien diġà tagħom indikazzjoni li l-kċina kienet ser tiġi tiswa €11,300 bl-appliances inlkużi. Jilmentaw li sussegwentament, talabhom somma ogħla minn dik inizzjalment indikata għax-xogħol u ċioè somma qrib l-€14,000 u għalhekk ma aċċettawx u ma komplewx bl-ordni. Id-differenza fil-prezz kienet primarjament dovuta għall-fatt li l-Intimat kwota €3,009 separat għall-*applicances* meta skont ir-Rikorrenti, inizzjalment kien qalilhom li kienu inlużi fil-prezz globali. Jilmentaw li l-Intimat baqa' sejjer bil-flus mogħtija lilhom u ma baqax jirrispondi t-telefonati tagħhom.

Illi mill-banda l-oħra, fl-affidavit tal-Intimat u tal-mara tiegħu Maryann De Luca, isostnu illi meta ltaqgħu fl-uffiċċju fit-8 ta' Lulju 2020, kien ġie spjegat ċar lir-Rikorrenti li l-*applicances* ma kienux inklużi fl-istima u li l-pagament ta' €500 akkont kien rikjest sabiex "jikkommetti ruħu biex jinbeda l-proċess".

Illi joħroġ paċifiku mill-provi li imbagħad kien hemm diżgwid bejn il-partijiet minħabba l-varjanzi fil-prezz u x-xogħol baqa' qatt ma sar.

Illi l-mertu ċentrali ta' din it-Talba huwa jekk il-ħlas akkont li sar għandux jiġi rifuż lir-Rikorrenti.

Illi ma jirriżultax li kien hemm xi kuntratt jew *terms and conditions* maqbula bejn il-partijiet li jindikaw b'mod ċar li jekk għal xi raġuni jew oħra il-proġett ma jitkompliex, il-ħlas li jkun sar akkont jintilef. Kull ma tgħid l-irċevuta li igħatat lir-Rikorrenti mill-Intimat għal dan il-ħlas hija d-deskrizzjoni "*deposit on furniture kitchen by Gentili group*" – xejn iżjed u xejn anqas. Issa il-liġi trid li fir-rapporti bejn il-kummerċjanti u l-konsumaturi, it-termini u l-kundizzjonijiet regolanti l-istess ikunu kollha elaborati b'mod dirett, sempliċi, espliċitu u faċilment aċċessibbli għall-konsumatur (ara Parti VII tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta). It-Tribunal ma jistax jassumi allura li l-ftehim bejn il-partijiet kien li dan id-depożitu jkun *forfeitable* u fiċ-ċirkostanzi, għandha tipprevalixxi l-interpretazzjoni tal-fatti li hija l-aktar favorevoli għall-konsumatur.

Illi intant, l-Intimat ma ġab l-ebda prova konkreta quddiem dan it-Tribunal ta' xogħlijiet utili li laħaq għamel fuq il-kċina (bħal per eżempju l-pjanti li jsemmi fir-Risposta) għajr għall-fatt li huwa paċifiku li għamel biss *site visit* brevi (ir-rikorrent jixhed li "għandi dam biss ftit ħin u talabni sabiex inwasslu s'għand l-Attrans għax kellu l-vann bil-ħsara").

**Deċċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u konsegwentament jikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' ħames mitt Euro (€500.00)**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-Intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***